**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 21 ta' Marzu, 2018

Rikors numru : 269/17 AL

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet zzewgu fl-10 ta' Lulju 2009 u liema zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, hekk skond ic-certifikat taz-zwieg nru. 1130/2009 hawn anness u mmarkat **Dok A** u minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal.

Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku tad-9 ta' Marzu 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Elena Farrugia, hawn anness u mmarkat **Dok B**.

Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata 'de facto' ghal aktar minn hames snin u sahansitra l-kuntratt ta' separazzjoni taghhom ilu ppublikat ghal iktar minn hames snin u ghalhekk huma intitolati biex japplikaw ghad-divorzju.

Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u l-partijiet huma kuntenti jghixu l-hajja separata taghhom.

Illi skond it-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-9 ta' Marzu 2012, l-konjugi m'ghandhom jircievu l-ebda manteniment reciproku,

Ili dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksieb tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbet li  l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'dan il-hall taz-zwieg.

Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Lulju 2017;

Rat l-affidavit tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimat informa lill-Qorti illi ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta’ Marzu 2012 u ilhom jghixu hajja separata ‘de facto’ ghal aktar minn hames snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.